v. Tikkontribwixxi għall-kisba inkrimentali tar-riżultati mistennija fis-suġġett, qasam ta' tagħlim u l-livell ta' temi transkurrikulari tal-istudenti kollha fdati taħt il-kura tiegħu/tagħha, billi tgħolli l-limitu tal-kisba għal kull individwu u tnaqqas il-lakuni fil-kisba li jistgħu jeżistu fil-proċess billi tiffaċilita t-twettiq tal-potenzjal ta' kull student;

vi. It-tagħlim u l-edukazzjoni tal-istudenti skont il-linji gwida pprovduti mill-Qafas tal-Kurrikulu Nazzjonali taħt il-gwida totali tal-awtorità kompetenti tal-edukazzjoni;

vii. It-tagħlim u l-edukazzjoni tal-istudenti skont il-ħtiġiet, il-ħiliet u l-potenzjal edukattiv ta' studenti individwali fdati fil-kura tiegħu/tagħha mill-Kap tal-Iskola jew Kap tas-Sezzjoni;

viii. Iġibu ruħhom kif xieraq u jgħallmu u jedukaw lill-istudenti skont il-principji stabbiliti fil-Kodiċi tal-Etika u l-Prattika tal-Għalliema;

ix. Kwalunkwe kompitu ieħor li s-superjur jista' jiddelega lilu/ha, kif jista' jkun meħtieġ;

x. Kwalunkwe dmir ieħor hekk kif ordnat mis-Segretarju Permanenti Ewlieni.

Deskrizzjoni dettaljata tax-xogħol ta' dan il-post tista' tiġi akkwistata minn (https://peoplemanagement-education.gov.mt/postijiet-vakanti/).

Il-persuna magħżula hija mistennija li twettaq dmirijiet b'lealtà, b'diliġenza xierqa u bl-akbar ħila, u taġixxi f'kull rispett skont l-istruzzjonijiet u/jew direttivi mogħtija lilha

i. Keep abreast of developments in education, particularly in relation to the respective Cycle and/or area, including but not limited to curriculum, pedagogy, assessment, recording and reporting of learning, content and diverse learner development;

ii. Create optimal conditions which facilitate a learner's holistic development according to guidelines provided by the national and local designated authorities;

iii. Plan, create, and evaluate stimulating, enjoyable and positive learning experiences, including through lesson preparation and delivery, development and administration of varied modalities of assessment for and of learning, as well as give feedback also through recording and reporting of learning;

iv. Address diversity by creating opportunities for all learners to reach their potential without either formally or informally erecting barriers or lowering expectations;

v. Contribute towards the incremental attainment of the expected outcomes at subject, learning area, and cross-curricular theme level by all students entrusted under his/her care raising the bar of achievement for every individual and narrowing the attainment gaps that may exist in the process facilitating the fulfilment of each learner's potential

vi. Teach and educate students according to guidelines provided by the National Curriculum Framework under the overall guidance of the competent education authority;

vii. Teach and educate students according to the educational needs, abilities and attainment potential of individual students entrusted to his/her care by the Head of School or Head of Section;

viii. Conduct themselves and teach and educate students in accordance with principles set out in the Teachers' Code of Ethics and Practice;

ix. Undertake any other tasks, which the superior may delegate to him/her, as may be required;

x. Any other duties as directed by the Principal Permanent Secretary.

A detailed job description of the post can be obtained by accessing from (https://peoplemanagement-education.gov.mt/en/vacancies-2/).

The selected candidate is expected to carry out his/her duties in utmost good faith, with due diligence and to the best of his/her abilities and s/he shall act in all respects

mid-Direttorati tal-Edukazzjoni, il-Kap tan-Network tal-Kulleġġ u/jew il-Kap tal-Iskola.

Rekwiżiti tal-Eliġibbiltà

5.1. Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu:

i. a. ċittadini ta' Malta; jew

b. ċittadini ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg bis-saħħa ta' leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

c. ċittadini ta' kwalunkwe pajjiż ieħor li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg minħabba li jkunu japplikaw għal dak il-pajjiż leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

d. kwalunkwe persuni oħra li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg permezz tar-relazzjoni familjari tagħhom ma' persuni msemmija f'(a), (b) jew (c), skont kif hemm fil-liġi jew fil-leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati msemmija hawn fuq; jew

e. ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw status ta' residenti li joqogħdu għal żmien twil f'Malta taħt ir-regolament 4 tar-Regolamenti tal-2006 dwar 'Status ta' Residenti li joqogħdu għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi)', jew li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-regolament 18(3) tal-istess regolamenti, flimkien mal-membri tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-Regolamenti tal-2007 dwar ir-Riunifikazzjoni tal-Familji; jew

f. Fil-pussess ta' dokument tar-residenza maħruġ skont id-dokument 'Status ta' Residenza ta' Ċittadini tar-Renju Unit u l-Membri tal-Familja tagħhom f'Malta skont il-Ftehim dwar l-Irtirar tar-Renju Unit u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u r-Regolamenti tal-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika'.

Għandu jintalab il-parir tat-Taqsima taċ-Ċittadinanza fi ħdan l-Aġenzija Komunità Malta u tat-Taqsima tal-Espatrijati fi ħdan Identità skont il-ħtieġa fl-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(b), (c), (d) u (e) hawn fuq teħtieġ il-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja. Jobsplus għandha tiġi kkonsultata skont il-ħtieġa dwar din il-materja.

according to the instructions and/or directives given to him/her by the Education Directorates, Head of College Network and/or Head of School.

Eligibility Requirements

5.1. By the closing time and date of this call for applications, applicants must be:

i. a. citizens of Malta; or

b. citizens of the other Member States of the European Union who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters of employment by virtue of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

c. citizens of any other country who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment by virtue of the application to that country of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

d. any other persons who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment in terms of the law or the above-mentioned EU legislation and treaty provisions, on account of their family relationship with persons mentioned in paragraph (a), (b) or (c); or

e. third country nationals who have been granted long-term resident status in Malta under regulation 4 of the 'Status of Long-term Residents (Third Country Nationals) Regulations, 2006' or who have been granted a residence permit under regulation 18(3) thereof, together with family members of such third country nationals who have been granted a residence permit under the 'Family Reunification Regulations, 2007'; or

f. in possession of a residence document issued in terms of the 'Residence Status of United Kingdom Nationals and their Family Members in Malta in accordance with the Agreement on the Withdrawal of the United Kingdom and Northern Ireland from the European Union and the European Atomic Energy Community Regulations'.

The advice of the Citizenship Unit within Community Malta Agency and the Expatriates Unit within Identità should be sought as necessary in the interpretation of the above provisions.

The appointment of candidates referred to at (b), (c), (d) and (e) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation. Jobsplus should be consulted as necessary on this issue.

ii. ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija u bil-lingwa Ingliża sabiex jitwettqu b'mod suffiċjenti u adegwat d-dmirijiet li għalihom saret l-applikazzjoni; u

iii. għalliema li għandhom warrant permanenti jew temporanju; u

iv. ikunu bħalissa qed jgħallmu is-suġġett/qasam li għalih saret l-applikazzjoni fi skola liċenzjata li toffri edukazzjoni obbligatorja. Jistgħu japplikaw ukoll l-applikanti li jgħallmu fl-iskejjel primarji (inklużi l-Għalliema Kumplimentari u l-Appoġġ tal-Litteriżmu).

Uffiċjali pubbliċi li japplikaw għal dan il-post iridu jkunu kkonfermati fil-ħatra attwali tagħhom, sakemm il-ħatra attwali ma tkunx fi klassi/linja ta' karriera differenti jew f'pożizzjoni definita, iżda jistgħu japplikaw għal grad/pożizzjoni inqas anke jekk mhux ikkonfermati u irrispettivament jekk hux fl-istess linja ta' karriera jew le.

Sottomissjoni ta' Dokumentazzjoni

6.1. Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati/traskrizzjonijiet u/jew dokumenti.

6.2. Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

Proċeduri tal-Għażla

7.1. L-applikanti eliġibbli jiġu assessjati minn bord tal-għażla biex jiġi ddeterminat min hu adatt biss f'każijiet fejn in-numru ta' applikanti jaqbeż in-numru ta' postijiet vakanti fis-suġġett/qasam li għalih saret l-applikazzjoni. F'każijiet bħal dawn il-marka massima għal dan il-proċess tal-għażla hija 100% u l-marka li persuna trid iġġib biex tgħaddi hija 50%.

7.2. Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-kandidati li, minbarra dak rikjest f'paragrafu 5.1, għandhom esperjenza ta' xogħol rilevanti u ppruvata.

Sottomissjoni tal-Applikazzjoni

8.1. L-applikanti għandhom jissottomettu l-interess tagħhom billi japplikaw fuq (https://forms.office.com/e/1PpS3d3P4a).

Id-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet hija l-5.15 p.m. (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar it-Tnejn, 25 ta' Mejju, 2026.

8.2. Hija r-responsabbiltà tal-applikanti li ma jħallux sal-aħħar mument biex jissottemettu l-applikazzjoni tagħhom.

8.3. Applikazzjonijiet li jaslu wara d-data u l-ħin tal-għeluq (i.e. applikazzjonijiet tard) ma jiġux aċċettati.

ii. able to communicate in the Maltese and English languages in order to sufficiently and adequately carry out the duties applied for; and

iii. teachers in possession of a permanent or temporary warrant; and

iv. are currently teaching the subject/area applied for in a licensed school offering compulsory education. Applicants teaching in primary schools (including Complementary and Literacy Support Teachers) may also apply.

Public officers applying for this post must be confirmed in their current appointment, unless the current appointment is in a different class/career stream or in a definite position, but may apply for a lower grade/position even if not confirmed and whether in the same stream or not.

Submission of Supporting Documents

6.1. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates/transcripts and/or testimonials.

6.2. Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

Selection Procedures

7.1. Eligible applicants will be assessed by a selection board to determine their suitability only in cases where the number of applicants exceeds the number of vacancies in the subject/area applied for. In such cases the maximum mark for this selection process is 100% and the pass mark is 50%.

7.2. Due consideration will be given to applicants who, besides the requisites indicated in paragraph 5.1, have proven relevant work experience.

Submission of Applications

8.1. Applicants are to submit their interest by applying at (https://forms.office.com/e/1PpS3d3P4a).

The closing date of the receipt of applications is 5.15 p.m. (Central European Time) of Monday, 25th May, 2026.

8.2. It is the responsibility of the applicants not to leave until the last moment for submission of their application.

8.3. Applications which are received after closing date and time (i.e. late applications) are not allowed.

8.4. Applikanti jingħataw sa jumejn (2) xogħol wara d-data u l-ħin tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, biex jissottomettu dokumenti mhux korretti jew mhux mimlija kif suppost jew nieqsa.

Dispożizzjonijiet Ġenerali Oħra

9. Dispożizzjonijiet ġenerali oħra dwar din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, b'referenza partikolari għal:

benefiċċji applikabbli, kundizzjonijiet u regoli/regolamenti;
applikazzjonijiet laterali;
bdil raġonevoli għall-persuni rreġistrati b'diżabbiltà;

sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-kwalifiki;
kwalifiki f'livell ogħla;
livell komparattiv tal-impjegati tas-Settur Pubbliku;
rinunzji ta' applikazzjonjiet pendenti;
pubblikazzjoni tar-riżultat;
eżami mediku;
proċess sabiex tiġi sottomessa petizzjoni dwar ir-riżultat;

aċċess għall-formola tal-applikazzjoni u dettalji relatati;
żamma ta' dokumenti,

jistgħu jiġu aċċessati minn (https://peopleandstandards.gov.mt/media/PDFs/Resourcing/GenProvs/GeneralProvisions_MT.pdf).

Dawn id-dispożizzjonijiet ġenerali għandhom jiġu meqjusa bħala parti integrali minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

It-8 ta' Mejju, 2026

MINISTERU GĦAS-SAĦĦA
U L-ANZJANITÀ ATTIVA

L-Isptar Mater Dei jixtieq jgħarraf se ssir id-difna tal-persuna hawn taħt imsemmija minħabba li baqgħet mingħajr talba għad-difna privata kif ukoll wara skadenza ta' żmien preskritt għal din it-talba b'mod privat.

Il-persuna hija l-imsemmija hawn taħt:

Is-Sinjura Irene Azzopardi (0424456M)

Jekk sa għaxart ijiem mid-data ta' din in-notifika tibqa' ma ssirx talba privata għad-difna, tiġi organizzata difna mid-Dipartiment tas-Saħħa.

It-8 ta' Mejju, 2026

8.4. Applicants are granted up to two (2) working days after closing date and time of this call for applications, to submit any incorrect or incomplete or missing documents.

Other General Provisions

9. Other general provisions concerning this call for applications, with particular reference to:

applicable benefits, conditions and rules/regulations;
lateral applications;
reasonable accommodation for registered persons with disability;
submission of recognition statements in respect of qualifications;
qualifications at a higher level;
comparative level of Public Sector employees;
renouncement of pending applications;
publication of the result;
medical examination;
the process for the submission of petitions concerning the result;
access to application forms and related details;
retention of documents,

may be accessed from (https://peopleandstandards.gov.mt/media/PDFs/Resourcing/GenProvs/GeneralProvisions_ENG.pdf).

These general provisions are to be regarded as an integral part of this call for applications.

8th May, 2026

MINISTRY FOR HEALTH
AND ACTIVE AGEING

Mater Dei Hospital notifies the burial of the following deceased person since the person remains unclaimed after an expiry of the permitted time for a claim to be received in order to organise a private burial.

The person mentioned is listed below:

Ms Irene Azzopardi (0424456M)

The Department of Health will be organising a burial, if by ten days from the publication of this notice, there is no private claim.

8th May, 2026

KUNSILL LOKALI MARSAXLOKK

Seduti Pubbliċi rigward il-Proġett Masterplan f'Marsaxlokk

Il-Kunsill Lokali Marsaxlokk jgħarraf illi se jsiru seduti pubbliċi għall-partijiet interessati, kif indikat hawn taħt:

Residenti – It-Tlieta, 9 ta' Ġunju fis-6.00 p.m.

Interessi kummerċjali (inklużi sidien ta' lukandi, ristoranti u guest houses) – It-Tlieta, 16 ta' Ġunju fis-6.00 p.m.

Sajd – It-Tlieta, 23 ta' Ġunju fis-6.00 p.m.

Operaturi tad-dgħajjes (inklużi servizzi marbuta mat-turiżmu) – It-Tlieta, 30 ta' Ġunju fis-6.00 p.m.

Industriji mmirati (MFF, Hardstanding, Università ta' Malta, Sports Malta) – It-Tlieta, 7 ta' Lulju fis-6.00 p.m.

Edukazzjoni (skejjel, ċentri taż-żgħażagħ u M.U.S.E.U.M.) – It-Tlieta, 14 ta' Lulju fis-6.00 p.m.

Kuraturi tal-wirt kulturali (Din l-Art Ħelwa, SCH, PA, Sotto Kumitat Delimara) – It-Tlieta, 21 ta' Lulju fis-6.00 p.m.

Kwalunkwe industrija jew kuratur tal-wirt kulturali li ma ġiex imsemmi speċifikament hawn fuq, iżda li jaqa' taħt dawn il-kategoriji, huwa mistieden jattendi s-sessjoni rilevanti.

Il-post għal-laqgħat kollha huwa d-Dar tal-Kappillan, fejn jinsab l-Uffiċċju Parrokkjali ta' Marsaxlokk (fil-pjazza).

Il-parteċipazzjoni tal-pubbliku tkun apprezzata ferm, minħabba li l-kontribut tagħhom huwa essenzjali biex jgħin fit-tfassil tal-futur ta' Marsaxlokk.

Aktar informazzjoni tista' tinkiseb bin-numru tat-telefown 2165 2525.

It-8 ta' Mejju, 2026

MARSAXLOKK LOCAL COUNCIL

Public hearings regarding the Project Masterplan for Marsaxlokk

The Marsaxlokk Local Council notifies that public hearings will be held for the concerned parties as outlined below:

Residents – Tuesday, 9th June at 6.00 p.m.

Commercial interests (including hotel, restaurant and guest house owners) – Tuesday, 16th June at 6.00 p.m.

Fisheries – Tuesday, 23rd June at 6.00 p.m.

Boat operators (including tourist-oriented services) – Tuesday, 30th June at 6.00 p.m.

Targeted industries (MFF, Hardstanding, University of Malta, Sports Malta) – Tuesday, 7th July at 6.00 p.m.

Education (schools, youth centres, M.U.S.E.U.M.) – Tuesday, 14th July at 6.00 p.m.

Cultural Heritage Curators (Din l-Art Ħelwa, SCH, PA, Subcommittee of Delimara) – Tuesday, 21st July at 6.00 p.m.

Any industry or cultural heritage curator not specifically mentioned above, but which falls within these categories, is invited to attend the relevant session.

The venue for all meetings is the Parish Priest's Residence, where the Marsaxlokk Parish Office is located (in the square).

The public's participation would be greatly appreciated, as their feedback is essential in helping shape the future of Marsaxlokk.

Further information may be obtained by telephone number 2165 2525.

8th May, 2026

AWTORITÀ TAL-ARTIJIET

L-Uffiċjal Kap Eżekuttiv, Awtorità tal-Artijiet, jgħarraf li:

Offerti ssiġillati għall-avviżi li ġejjin għandhom jintefgħu fil-kaxxa tal-offerti tal-Awtorità tal-Artijiet, Berġa tal-Baviera, Il-Belt Valletta, sal-10.00 a.m. tal-Ħamis, 14 ta' Mejju, 2026.

Avviż Nru. 14. Għotja b'ċens perpetwu rivedibbli ta' sit tale quale, liema sit għandu kejl ta' madwar erba' mija u erbgħa u tmenin metru kwadru (484m²) fi Triq il-Baħar

LANDS AUTHORITY

The Chief Executive Officer, Lands Authority, notifies that:

Sealed tenders in respect of the following advertisements have to be deposited in the tender box at the Lands Authority, Auberge de Baviere, Valletta, by 10.00 a.m. on Thursday, 14th May, 2026.

Advt No. 14. Grant on a perpetual revisable emphyteusis of the site tale quale measuring around four hundred and eighty-four square metres (484m²) at Triq il-Baħar l-Iswed,

l-Iswed, San Ġwann, kif muri bl-aħmar fuq il-pjanta P.D.2014_356. Dan is-sit jifforma parti minn fond 'Dar Ikebana', Triq il-Baħar l-Iswed, San Ġwann. Min jirbaħ l-offerta għandu ċans sabiex jifdi dan iċ-ċens matul l-ewwel ħmistax-il (15) sena wara reviżjoni skont kif hemm spjegat bid-dettall fuq il-kundizzjonijiet taċ-ċens. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'bid-bond għall-ammont ta' €50,000 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' disgħa u tletin elf u mija u wieħed u sittin ewro (€39,161) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun suġġetta għal dritt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru. 32 tal-Kapitolu Nru. 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

Avviż Nru. 15. Għotja b'ċens temporanju għall-perjodu ta' 50 sena għal skopijiet kummerċjali ta' fond offrut bħala tale quale, liema fond għandu kejl ta' madwar erbatax-il metru kwadru (14m²), f'Nru 23, Triq San Ġwann, Il-Belt Valletta, kif muri bl-aħmar fuq il-pjanta P.D.2015_0561. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'bid-bond għall-ammont ta' €16,632 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' ħamest elef u ħames mija u erbgħa u erbgħin ewro (€5,544) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun suġġetta għal dritt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru. 32 tal-Kapitolu Nru. 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

Dawn l-avviżi qegħdin jiġu ppubblikati bħala stedina għall-pubbliku sabiex jakkwista d-dokumenti tal-offerta online. L-offerenti għandhom jirreferu għall-kundizzjonijiet kollha tad-dokument tal-offerta u huma mitluba li jaqraw sew dawn id-dokumenti. L-offerti għandhom isiru biss fuq il-formola preskritta, li flimkien mal-kundizzjonijiet rilevanti u dokumenti oħra jistgħu jinkisbu billi tagħżel 'Buy Tender' fuq il-paġna ta' dawn L-offerti fis-sit (https://landsauthority.org.mt/services/tendering/). Il-ħlas ta' ħamsin ewro (€50) għandu jsir permezz tas-sistema online tas-sit tal-Awtorità tal-Artijiet bil-card bankarja tal-preferenza tiegħek.

It-8 ta' Mejju, 2026

KAMRA TAD-DEPUTATI

Parlament ta' Malta

Sejħa għal Kwotazzjonijiet għal Servizz ta' Tindif għal Ħġieġ u Twieqi Esterni

Il-Kamra tad-Deputati, Parlament ta' Malta, tistieden fornituri biex jissottomettu kwotazzjonijiet għal provvista ta' servizzi ta' tindif għal ħġieġ u twieqi esterni, li mhumiex faċilment aċċessibbli fil-Binja tal-Parlament.

L-offerti sottomessi għandhom jinkludu wkoll il-provvista ta' cherry picker, akkumpanjat minn operatur liċenzjat/iċċertifikat.

San Ġwann, as shown in red on the plan P.D.2014_356. This site forms part of the premises at 'Dar Ikebana, Triq il-Baħar l-Iswed, San Ġwann. The winning bidder has the chance to redeem this emphyteusis within the first fifteen (15) years after a revision as explained in detail in the emphyteutical conditions. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €50,000 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of thirty-nine thousand and one hundred and sixty-one euro (€39,161) per annum will not be considered. This tender may be subject to the right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender documents.

Advt No. 15. Grant on a 50-year temporary emphyteusis for commercial purposes of the premises,offered as tale quale measuring around fourteen square metres (14m²) at No. 23, Triq San Ġwann, Valletta, as shown edged in red on the plan P.D.2015_0561. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €16,632 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of five thousand and five hundred and forty-four euro (€5,544) per annum will not be considered. This tender may be subject to the right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender documents.

These advertisements are being published as an invitation to the public to acquire tender documents online. The bidders are to refer to all the conditions of the tender document and are invited to carefully read these conditions. Tenders should be submitted only on the prescribed form, which together with the relevant conditions and other documents, may be obtained by clicking on 'Buy Tender' on the webpage where these tenders are available on (https://landsauthority.org.mt/services/tendering/). A fee of fifty euro (€50) must be paid through the online system of the Lands Authority website by using your preferred banking card.

8th May, 2026

THE HOUSE OF REPRESENTATIVES

Parliament of Malta

Call for quotations – Cleaning service of external windows and glass panels

The House of Representatives, Parliament of Malta, invites service providers to submit quotations for the provision of cleaning services for external windows and glass panels, which are not easily accessible throughout the Parliament Building.

Submitted offers must also include the provision of a cherry picker, accompanied by a certified operator.

Ix-xogħlijiet meħtieġa għandhom jitwettqu l-Erbgħa, 27, il-Ħamis, 28, u l-Ġimgħa, 29 ta' Mejju, 2026, mit-8.00 a.m. 'il quddiem.

L-għoli tax-xogħol meħtieġ għaċ-cherry picker huwa ta' madwar 21 metru.

Għal skopijiet ta' eliġibbiltà, il-kwotazzjonijiet sottomessi għandhom jinkludu dan li ġej:

Is-sena ta' reġistrazzjoni tal-vettura;
Marka, it-tip, in-numru ta' registrazzjoni u d-data ta' manifattura taċ-cherry picker;
Kopja ta' ċertifikat tas-sigurtà validu maħruġ minn uffiċjal tas-sigurtà skont ir-Regolamenti tal-OHSA;
Evidenza tal-kompetenza tal-operatur u ċertifikazzjoni ta' taħriġ rilevanti għall-użu taċ-cherry picker; u
Valutazzjoni tar-riskju komprensiva li tkopri l-ambitu sħiħ tax-xogħlijiet proposti.

Il-fornitur għandu jkun responsabbli biex jikseb il-permessi kollha meħtieġa.

Il-fornitur tas-servizz għandu jipprovdi l-materjal, l-għodda u t-tagħmir kollu meħtieġ għall-esekuzzjoni tax-xogħlijiet.

Il-miżuri kollha tas-saħħa u s-sigurtà għandhom jiġu implimentati u miżmuma mill-fornitur f'konformità stretta mar-regolamenti u l-istandards applikabbli.

L-offerenti prospettivi huma mħeġġa biex iwettqu żjara fuq il-post qabel is-sottomissjoni tal-offerta tagħhom biex jivvalutaw b'mod adegwat l-ambitu tax-xogħlijiet.

Il-kwotazzjonijiet għandhom jinkludu l-prezz totali, inkluża l-VAT.

Il-kwotazzjonijiet, bid-dokumentazzjoni kollha meħtieġa, għandhom jiġu sottomessi elettronikament fl-indirizz (dcs.parlament@parlament.mt) mhux aktar tard minn nofsinhar tat-Tnejn, 18 ta' Mejju, 2026.

Fornituri li jissottomettu l-offerta tagħhom, jikkonfermaw li ma jaqgħux taħt xi esklużjoni ta' raġunijiet ta' black listing.

It-8 ta' Mejju, 2026

AĠENZIJA ŻGĦAŻAGĦ

AŻ015/2026 Expression of Interest for Various Expert Practitioners with Aġenzija Żgħażagħ

Aġenzija Żgħażagħ qiegħda tilqa' applikazzjonijiet għal servizz ta' esperti prattikanti f'diversi oqsma sabiex jiġu provduti sezzjonijiet u programmi liż-żgħażagħ, skont kif meħtieġ.

Works shall be carried out on Wednesday, 27th, Thursday, 28th, and Friday, 29th May, 2026, from 8.00 a.m. onwards.

The required working height for the cherry picker is approximately 21 metres.

For eligibility purposes, the submitted quotations must include the following:

Year of registration of the lifter truck;
Make, type, registration number and date of manufacture of the cherry picker;
Copy of a valid safety certificate issued by a safety officer in accordance with OHSA Regulations;
Evidence of the operator's competence and relevant training certification for the use of the cherry picker; and
A comprehensive risk assessment covering the full scope of the proposed works.

The supplier shall be responsible for obtaining all necessary permits.

The service provider shall supply all cleaning materials, tools, and equipment necessary for the execution of the works.

All health and safety measures shall be implemented and maintained by the service provider in strict compliance with applicable regulations and standards.

Prospective bidders are advised to conduct a site visit prior to the submission of their offer to adequately assess the scope of works.

Quotations must include the total price, inclusive of VAT.

Quotations, with all required documentation, must be submitted electronically to the following address (dcs.parlament@parlament.mt) by not later than noon of Monday, 18th May, 2026.

By submitting the offer, suppliers are confirming that they do not fall under any exclusion of black listing grounds.

8th May, 2026

AĠENZIJA ŻGĦAŻAGĦ

AŻ015/2026 Expression of Interest for Various Expert Practitioners with Aġenzija Żgħażagħ

Aġenzija Żgħażagħ is inviting applications for the Expression of Interest for Various Expert Practitioners' Provision of Service to be provided for Aġenzija Żgħażagħ's programmes and projects.

Informazzjoni dettaljata hija aċċessibbli mis-sit elettroniku ta' Aġenzija Żgħażagħ (https://youth.gov.mt/call/).

L-applikazzjonijiet, f'format ta' European Curriculum Vitae flimkien mal-kwalifiki u esperjenza ta' xogħol jiġu milqugħa minn Aġenzija Żgħażagħ, Triq Kbira San Ġużepp, Santa Venera SVR 1013, f'envelopp issiġillat għall-attenzjoni ta' Rowena M. Borg sa mhux aktar tard mill-Ġimgħa, 29 ta' Mejju, 2026 f'nofsinhar (Ħin Ċentrali Ewropew).

Applikazzjonijiet bil-posta għandhom jintbagħtu rreġistrati u kmieni biżżejjed sabiex jaslu qabel id-data tal-għeluq. L-applikanti jiġu mgħarrfa li tkun waslet l-applikazzjoni fi żmien jum ta' ħidma.

Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati.

Aktar informazzjoni jew kjarifiki jistgħu jinkisbu mingħand Rowena M. Borg bin-numru 9989 1714 mit-Tnejn sal-Ġimgħa mit-8.30 a.m. sat-3.00 p.m., jew permezz ta' ittra elettronika lil (rowena.borg@gov.mt).

It-8 ta' Mejju, 2026

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

Is-CEO (Sourcing and Supply Chain Management) għas-Central Procurement and Supplies Unit (CPSU), Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva, jgħarraf illi s-sottomissjonijiet tal-ERU Competitive Calls imniżżla hawn taħt għandhom jintlaqgħu sal-10.00 a.m. tat-Tnejn, 11 ta' Mejju, 2026.

ERU0405U26 – Devices
ERU0405U26A – Medicinal
ERU0405U26B – Medicinal
ERU0405U26C – Medicinal
ERU0405U26D – Medicinal
ERU0405U26E – Medicinal
ERU0405U26F – Medicinal
ERU0405U26G – Medicinal
ERU0405U26H – Medicinal
ERU0405U26I – Medicinal
ERU0405U26J – Medicinal
ERU0405U26K – Medicinal
ERU0405U26L – Medicinal
ERU0405U26M – Medicinal
ERU0405U26N – Medicinal
ERU0405U26O – Medicinal
ERU0405U26P – Devices
ERU0405U26Q – Devices
ERU0505U26 – Medicinal
ERU0505U26A – Medicinal
ERU0505U26B – Medicinal
ERU0505U26C – Medicinal

Full details and specifications can be downloaded from the Aġenzija Żgħażagħ website (https://youth.gov.mt/call/).

Applications, in a European Curriculum Vitae Format, including qualifications and work experience, must be received by Aġenzija Żgħażagħ, Triq Kbira San Ġużepp, Santa Venera SVR 1013, in a sealed envelope addressed for the attention of Rowena M. Borg by Friday, 29th May, 2026, at noon (Central European Time).

Applications by post should be sent by registered mail, allowing sufficient time to ensure delivery by the above-stipulated deadline. These applications will be acknowledged in writing by Aġenzija Żgħażagħ within one working day.

Only on-time applications will be considered.

Further information or queries may be obtained from Rowena M. Borg on 99891714 from Monday to Friday from 8.30 a.m. to 3.00 p.m., or by email to (rowena.borg@gov.mt).

8th May, 2026

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

The CEO (Sourcing and Supply Chain Management) for the Central Procurement and Supplies Unit within the Ministry for Health and Active Ageing, notifies that submissions for the below listed ERU Competitive Calls will be received up to 10.00 a.m. on Monday, 11th May, 2026.

ERU0405U26 – Devices
ERU0405U26A – Medicinal
ERU0405U26B – Medicinal
ERU0405U26C – Medicinal
ERU0405U26D – Medicinal
ERU0405U26E – Medicinal
ERU0405U26F – Medicinal
ERU0405U26G – Medicinal
ERU0405U26H – Medicinal
ERU0405U26I – Medicinal
ERU0405U26J – Medicinal
ERU0405U26K – Medicinal
ERU0405U26L – Medicinal
ERU0405U26M – Medicinal
ERU0405U26N – Medicinal
ERU0405U26O – Medicinal
ERU0405U26P – Devices
ERU0405U26Q – Devices
ERU0505U26 – Medicinal
ERU0505U26A – Medicinal
ERU0505U26B – Medicinal
ERU0505U26C – Medicinal

ERU0505U26D – Devices

Sejħiet kompetittivi tal-Emergency Response Unit (ERU) jistgħu jitniżżlu mis-sit elettroniku tas-CPSU.

Sottomissjonijiet għal din is-sejħa għal kompetizzjoni għandhom jiġu sottomessi skont l-istruzzjonijiet mogħtija fid-dossier.

It-8 ta' Mejju, 2026

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

Is-CEO (Sourcing and Supply Chain Management) għas-Central Procurement and Supplies Unit (CPSU), Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva, jgħarraf illi s-sottomissjonijiet tal-ERU Competitive Calls imniżżla hawn taħt għandhom jintlaqgħu sal-10.00 a.m. tat-Tlieta, 12 ta' Mejju, 2026.

ERU0605U26 – Medicinal
ERU0605U26A – Medicinal
ERU0605U26B – Medicinal
ERU0605U26C – Medicinal
ERU0605U26D – Devices
ERU0605U26E – Medicinal

Sejħiet kompetittivi tal-Emergency Response Unit (ERU) jistgħu jitniżżlu mis-sit elettroniku tas-CPSU.

Sottomissjonijiet għal din is-sejħa għal kompetizzjoni għandhom jiġu sottomessi skont l-istruzzjonijiet mogħtija fid-dossier.

It-8 ta' Mejju, 2026

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

Iċ-Chief Executive Officer – CPSU (Sourcing and Supplies Chain Management) għas-Central Procurement and Supplies Unit fil-Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva, jgħarraf illi:

Jintlaqgħu sottomissjonijiet elettroniċi għal Preliminary Market Consultation (PMC) rigward l-avviż li ġej sal-10.00 a.m. tal-Ġimgħa, 12 ta' Ġunju, 2026.

PMC Ref. No. CPSU00640/26. Preliminary Market Consultation for a Mobile Clinic system for the Emergency Department at Mater Dei Hospital

PMC Ref. No. CPSU00637/26. Preliminary Market Consultation for the Supply of an Emergency Trailer Support and Towing Units

ERU0505U26D – Devices

Emergency Response Unit (ERU) Competitive Calls can be downloaded from the CPSU website.

Submissions for this call for competition are to be submitted as per instructions given in the dossier.

8th May, 2026

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

The CEO (Sourcing and Supply Chain Management) for the Central Procurement and Supplies Unit within the Ministry for Health and Active Ageing, notifies that submissions for the below listed ERU Competitive Calls will be received up to 10.00 a.m. on Tuesday, 12th May, 2026.

ERU0605U26 – Medicinal
ERU0605U26A – Medicinal
ERU0605U26B – Medicinal
ERU0605U26C – Medicinal
ERU0605U26D – Devices
ERU0605U26E – Medicinal

Emergency Response Unit (ERU) Competitive Calls can be downloaded from the CPSU website.

Submissions for this call for competition are to be submitted as per instructions given in the dossier.

8th May, 2026

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

The Chief Executive Officer – CPSU (Sourcing and Supplies Chain Management) for the Central Procurement and Supplies Unit within the Ministry for Health and Active Ageing notifies that:

Electronic submission of information for Preliminary Market Consultation (PMC) in respect of the following notice will be received up to 10.00 a.m. of Friday, 12th June, 2026.

PMC Ref. No. CPSU00640/26. Preliminary Market Consultation for a Mobile Clinic system for the Emergency Department at Mater Dei Hospital

PMC Ref. No. CPSU00637/26. Preliminary Market Consultation for the Supply of an Emergency Trailer Support and Towing Units

PMC Ref. No. CPSU00638/26. Preliminary Market Consultation for an Advanced Medical Post Critical Service Support Unit

Dokumenti tal-Preliminary Market Consultation jinkisbu mingħajr ħlas u l-informazzjoni għandha tintbagħat BISS online lil (www.etenders.gov.mt).

It-8 ta' Mejju, 2026

KUNSILL MALTI GĦAS-SETTUR TAL-VOLONTARJAT

Il-Kunsill Malti għas-Settur tal-Volontarjat jgħarraf li Għaqda Armar Triq il-Kappillan – Nadur, qiegħda tħabbar pubblikazzjoni għal sejħa għal offerti:

Referenza tal-Proġett VOPS A2.05.2026

Għaqda Armar Triq il-Kappillan – Nadur, teħtieġ l-offerta tas-servizzi għall-provvista, konsenja u installazzjoni ta' cargo lift bħala parti mill-VOPS A2.0852026 Efficiency Through Elevation'.

Dawk interessati għandhom jibagħtu ittra elettronika għall-ispeċifikazzjonijiet lil (armartriqilkappillan@hotmail.com).

L-offerta tagħlaq – nhar il-Ġimgħa, 29 ta' Mejju, 2026

Dan il-proġett ġie ffinanzjat permezz tal-Voluntary Organisations Project Scheme amministrat mill-Kunsill Malti għas-Settur tal-Volontarjat f'isem il-Ministeru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat.

It-8 ta' Mejju, 2026

KUNSILL LOKALI R-RABAT (GĦAWDEX)

Il-Kunsill Lokali r-Rabat (Għawdex) jgħarraf illi:

Offerti għandhom jintlaqgħu mill-Kunsill Lokali r-Rabat (Għawdex) permezz tal-ePPS sad-9.30 a.m. ta' nhar it-Tlieta, 9 ta' Ġunju, 2026, għal:

Avviż Nru VLC/03/2026. Ġbir ta' skart goff fir-Rabat bl-użu ta' trakkijiet ta' ġbir tal-iskart b'emissjonijiet baxxi.

Avviż Nru VLC/04/2026. Servizzi ta' handyman għal-lokalità tar-Rabat, Għawdex.

Id-dokumenti tal-offerta huma bla ħlas u jiġu miksuba/imniżżla u milqugħa BISS mis-sit elettroniku (www.etenders.gov.mt).

Kull kjarifika jew addenda lid-dokument tal-offerta jittellgħu fis-sit elettroniku u wieħed jista' jarahom jew iniżżilhom mill-istess sit.

PMC Ref. No. CPSU00638/26. Preliminary Market Consultation for an Advanced Medical Post Critical Service Support Unit

Preliminary Market Consultation documents are available free of charge and information is to be submitted ONLY online on (www.etenders.gov.mt).

8th May, 2026

MALTA COUNCIL FOR THE VOLUNTARY SECTOR

The Malta Council for the Voluntary Sector notifies that Għaqda Armar Triq il-Kappillan – Nadur, is requesting the call for tenders:

Project Reference VOPS A2.05.2026

Għaqda Armar Triq il-Kappillan – Nadur, needs the supply, delivery and installation of a cargo lift, as part of the VOPS A2.05.2026 'Efficiency Through Elevation'.

Prospective bidders are to send an email for specifications to (armartriqilkappillan@hotmail.com).

Deadline for submissions – Friday, 29th May, 2026

This project has been funded through the Voluntary Organisations Project Scheme managed by the Malta Council for the Voluntary Sector supported by the Ministry for Inclusion and the Voluntary Sector.

8th May, 2026

RABAT (GOZO) LOCAL COUNCIL

The Rabat (Gozo) Local Council notifies that:

Tenders will be received by the Rabat (Gozo) Local Council through ePPS up to 9.30 a.m. on Tuesday, 9th June, 2026, for the:

Advt No. VLC/03/2026. Bulky refuse collection in Victoria using low-emission waste collection trucks.

Advt No. VLC/04/2026. Services of a handyman for the locality of Victoria, Gozo.

Tender documents are free of charge and are to be viewed/downloaded and submitted ONLY through the etenders website (www.etenders.gov.mt).

Any clarifications or addenda to the tender document will be uploaded and available to view and download from this same website.

Il-Kunsill Lokali jżomm id-dritt li jirrifjuta kull offerta, anke l-aktar waħda vantaġġjuża.

It-8 ta' Mejju, 2026

The Local Council reserves the right to refuse any offer, even the most advantageous.

8th May, 2026

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

1222

B'dan l-avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja, fl-20 ta' Frar, 2026, Rikors numru 154/2026, minn Louis Craus et, fejn talbu li tiġi ddikjarata miftuħa favur Lorry Craus, Louis Craus, Michael Craus u Rose Camilleri Craus ħut id-decujus fi kwota ta' sest (1/6) indiviż kull wieħed u waħda minnhom; favur Anton Baldacchino u Maria Baldacchino wlied il-mejta Maria Dolores sive Doris Baldacchino din tal-aħħar oħt id-decujus fi kwota ta' sest (1/6) indiviż bejniethom u favur Sharon Abela Craus, Jana Marie Buhagiar, Joseph Abela Craus u Tania Abela Craus ulied il-mejta Carmen Abela Craus din tal-aħħar oħt id-decujus fi kwota ta' sest (1/6) indiviż bejniethom is-suċċessjoni ta' Mary Annunziata Craus, xebba, bint il-mejtin Carmel Craus u Antonia née Vella, imwielda Ħal Tarxien, Malta, kienet residenti Ħal Luqa, Malta, u mietet Ħal Luqa, Malta, fit-30 ta' Novembru, 2025, ta' 81 sena, u li kellha karta tal-identità numru 0714644M.

By means of an application filed in the Civil Court of Voluntary Jurisdiction Section, on the 20th February, 2026, Application number 154/2026, by Louis Craus et whereby they requested that it be declared open in favour of Lorry Craus, Louis Craus, Michael Craus and Rose Camilleri Craus brothers and sisters of the decujus in the quota of one sixth (1/6) undivided share each one of them; in favour of Anton Baldacchino and Maria Baldacchino children of the late Maria Dolores sive Doris Baldacchino the latter sister of the decujus in the quota of one sixth (1/6) undivided share betweent them and in favour of Sharon Abela Craus, Jana Marie Buhagiar, Joseph Abela Craus and Tania Abela Craus children of the late Carmen Abela Craus the latter sister of the decujus in the quota of one sixth (1/6) undivided share between them the succession of Mary Annunziata Craus, unmarried, daughter of the late Carmel Craus and Antonia née Vella, born in Ħal Tarxien, Malta, resided in Ħal Luqa, Malta, and died in Ħal Luqa, Malta, on the 30th November, 2025, aged 81, and who held identity card number 0714644M.

Għaldaqstant, kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex jidher quddiem il-Qorti fuq imsemmija sabiex b'nota jmur kontra dik it-talba fi żmien ħmistax-il ġurnata li jibda jgħaddi minn dak il-jum li fih jiġi mwaħħal il-bandu u l-avviżi skont il-liġi.

Wherefore, any person who believes to have an interest in the matter is hereby called upon to appear before the said Court and to bring forward his objections hereto by a minute to be filed within fifteen days from the posting of the banns and notices according to law.

Reġistru tal-Qorti Ċivili, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja

Illum 5 ta' Mejju, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Registry of the Civil Court, Voluntary Jurisdiction Section

Today 5th May, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Court and Tribunals

1223

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fl-24 ta' Marzu, 2026, fuq rikors ta' 35°14° Capital SCC plc (C105417) taġixxi għan-nom ta' Cell Couros ġie ffissat il-jum tat-Tlieta, 9 ta' Ġunju, 2026, fil-ħdax ta' filgħodu (11.00 a.m.) għall-bejgħ bl-irkant, li għandu jsir f'Kamra numru 78 biswit l-Arkivju, Livell -1, Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta, tal-fond hawn taħt deskritt:

By decree given by the Civil Court, First Hall on 24th March, 2026, on the application of 35°14° Capital SCC plc (C105417) acting on behalf of Cell Couros, Tuesday, 9th June, 2026, at eleven in the morning (11.00 a.m.), has been fixed for the sale by auction, to be held in Room number 78 nearby the Archives, Level -1, Courts of Justice, Triq ir-Repubblika, Valletta, of the following property:

Appartament li jinsab fit-tielet sular bin-numru sitta (6), li jifforma parti minn blokka bla numru uffiċjali u bl-isem 'Cargio Court', fi Triq il-Bajja, Marsaskala, u liema blokk ta'

Apartment situated on the third floor numbered six (6), forming part of an unnumbered officially block and named 'Cargio Court', in Triq il-Bajja, Marsaskala, and

bini huwa mibni fuq porzjon ta' art maqsuma magħrufa bħala 'Ta' Marsa d-Dgħajjes' u tali blokk huwa konfinanti mit-Tramuntana mal-imsemmija Triq il-Bajja, min-Nofsinhar ma' proprjetà ta' Charles Boffa u oħrajn u mill-Punent ma' proprjetà ta' Charles Cutajar u oħrajn jew is-suċċessuri fit-titolu tagħhom, suġġetta għal ċens annwu u pertpetwu ta' erba' ewro u sitta u sittin ċenteżmu (€4.66) bħala parti miċ-ċens annwu u pertpetwu ta' sitta u għoxrin ewro u tmintax-il ċenteżmu (€26.18) altrimenti liberu u frank u bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tiegħu. Inkluż l-użu perpetwu u mhux interrott tal-partijiet intiżi għall-użu komuni flimkien mal-flats l-oħra fl-istess blokk, tal-entratura, indani, taraġ sal-bejt, pero' eklużl-użu tal-arja u dana kif deskritt aħjar fl-atti tan-Nutar Dott. Bartolomeo Micallef datat it-tmintax ta' Diċembru tas-sena elfejn u erbgħa (18.12.2004) u kkorreġut b'nota bin-numru elfejn, ħames mija, tmienja u ħamsin tas-sena elfejn u ħmistax (2558/2015) u stmat li jiswa erba' mija u ħmistax-il elf ewro (€415,000).

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' Mary Bonello (KI 415346M) u b'digriet tat-18 ta' Frar, 2025 ġew nominati kuraturi deputati Dott. Ramona Attard u PL Gerald Bonello għall-eredi mhux magħrufa tad-defunt Ronald Bonello (KI 779349M).

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt fl-atti tas-subbasta 46/2024.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum il-Ħamis, 2 ta' April, 2026

MARVIC FARRUGIA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

which block of buildings is built on a portion of divided land known as 'Ta' Marsa d-Dgħajjes' and such block is bounded on the north by the said Triq il-Bajja, on the south by property of Charles Boffa and others and on the west by property of Charles Cutajar and others or their successors in title, subject to an annual and perpetual ground rent of four euro and sixty six cents (€4.66) as a part of an annual and perpetual ground rent of twenty six euro and eighteen cents (€26.18) otherwise free and unencumbered and with all its rights and appurtenances. Including the perpetual use and uninterrupted use of the parts intended for the common use together with the other flats in the same block, the entrance, landings, stairs to the roof, but excluding the use of its airspace and this as better described in the acts of Notary Dr Bartolomeo Micallef dated the eighteenth December of the year two thousand and four (18.12.2004) and corrected by note numbered two thousand five hundred and fifty eight of the year two thousand and fifteen (2558/2015), valued at four hundred and fifteen thousand euro (€415,000).

The said tenement is the property of Mary Bonello (ID 415346M) and by decree 18th February, 2025, were appointed deputy curators Dr Ramona Attard and Gerald Bonello LP for the unknown heirs of the deceased Ronald Bonello (ID 779349M).

N.B. The said tenement will be sold as described in the acts of judicial sales number 46/2024.

Registry of the Superior Courts, this Thursday, 2nd April 2026

MARVIC FARRUGIA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1224

B'digriet tas-16 ta' Settembru, 2024, mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, din il-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifiki skont l-artiklu 187 (3) tal-Kodiċi tal-Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili (Kap. 12):

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fl-24 ta' Marzu, 2026, fuq rikors ta' 35°14° Capital SCC plc (C105417) taġixxi għan-nom ta' Cell Couros ġie ffissat il-jum tat-Tlieta, 9 ta' Ġunju, 2026, fil-ħdax ta' filgħodu (11.00 a.m.) għall-bejgħ bl-irkant, li għandu jsir f'Kamra numru 78 biswit l-Arkivju, Livell -1, Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta, tal-fond hawn taħt deskritt:

Appartament li jinsab fit-tielet sular bin-numru sitta (6), li jifforma parti minn blokka bla numru uffiċjali u bl-isem 'Cargio Court', fi Triq il-Bajja, Marsaskala, u liema blokk ta' bini huwa mibni fuq porzjon ta' art maqsuma magħrufa bħala 'Ta' Marsa d-Dgħajjes' u tali blokk huwa konfinanti mit-

